



Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2017/2039(INI)

23.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-Istati Membri
(2017/2039(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Momchil Nekov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u b'hekk jiġi indirizzat, fil-livell tal-Unjoni kollha, il-fenomeni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, li skont ir-rapporti huwa oġġla d-doppju tar-rata ta' qgħad ġenerali medja; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li minkejja l-pass kajman tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, sa Ottubru 2016 l-għadd ta' żgħażaġh qiegħda kien naqas b'mod sinifikanti;
2. Ifakkar li l-objettiv ewlieni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ huwa li tilħaq lil dawk iż-żgħażaġh kollha barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), u għaldaqstant ihegġegħ lill-Istati Membri jinvestu aktar sforzi biex itejbu il-miżuri fis-sistemi edukattivi biex iħarsu liż-żgħażaġh friskju, kif ukoll li jidentifikaw u jilhq, permezz ta' miżuri speċifiċi u effikaċi, lill-popolazzjoni NEET kollha, speċjalment iż-żgħażaġh l-aktar żvantaġġati, bħal dawk b'diżabilità, u fl-istess ħin iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ personalizzat biex jilhq lill-NEETs kollha, bl-objettiv li jirreġistrawhom; jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-ostakli speċifiċi ta' kull grupp fil-mira bil-għan li jiġu adottati miżuri mfasla apposta;
3. Jissottolinja f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex jintlaħqu l-aktar żgħażaġh vulnerabbli, u l-kapaċità ta' dawn l-organizzazzjonijiet li jaġixxu ta' intermedjarji bejn iż-żgħażaġh u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi;
4. Itenni l-ħtieġa li jiġu varati strateġiji komprensivi ta' komunikazzjoni bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni billi jintużaw kemm kanali medjatiċi tradizzjonali kif ukoll dawk moderni bħan-netwerks soċjali;
5. Jinnota bi tħassib li l-aktar rapporti ta' valutazzjoni riċenti¹ jindikaw li l-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ kellha t-tendenza li tiffoka l-aktar fuq NEETs b'livell għoli ta' edukazzjoni, aktar milli fuq persuni bi ftit ħiliet, mhux attivi u mhux irreġistrati mis-servizzi pubbliċi għall-impjieg; jinnota li skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-għadd ta' NEETs qiegħda naqas, filwaqt li l-għadd ta' NEETs mhux attivi baqa' stabbli; ifakkar, għaldaqstant, fil-ħtieġa ta' kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali bħall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-NGOs u s-sħab soċjali bil-għan li jiġu żviluppati miżuri effikaċi speċifiċi billi jiġu indirizzati u jintlaħqu aħjar l-NEETs mhux attivi;
6. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tas-sinerġiji mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għall-għoti ta' korsijiet ta' edukazzjoni oġġla f'livell post-gradwatorju, li jippermettu

¹ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Rapport speċjali Nru 5/2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ; l-ewwel riżultati tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ - Rapport Finali; Il-Kummissjoni Ewropea: L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ: Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea, Ottubru 2016; Analiżi fil-Fond mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Jan Tymowski, Ġunju 2017.

implimentazzjoni effettiva tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri kollha;

7. Jissottolinja d-diffikultajiet biex issir valutazzjoni xierqa tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ minħabba n-nuqqas ta' sistemi ta' monitoraġġ u rappurtar li jiffunzjonaw tajjeb, u għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw dan in-nuqqas sostanzjali billi jiżviluppaw miżuri ta' segwitu speċifiċi, fost l-oħrajn, bil-għan li f'dak li jikkonċerna ż-żgħażaġh jiġu implimentati politiki aktar sostnuti, effettivi u bbażati fuq l-evidenza; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, biex fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u mal-NGOs lokali;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u xxerred il-prattiki tajba fil-monitoraġġ u r-rappurtar ibbażat fuq il-ħarsa ġenerali tagħha tas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri kollha;
9. Jitlob lill-Istati Membri biex jistabilixxu ħarsa ġenerali lejn il-kost tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex jiżguraw finanzjament adegwat u jilħqu aħjar l-oġettivi tal-iskema;
10. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu "one-stop shops" effikaċi u faċilment aċċessibbli intiżi biex jipprovdu servizzi b'livell għoli ta' kwalità u gwida għaż-żgħażaġh f'post wieħed; itenni l-ħtieġa li l-miżuri u l-għodod kollha jsiru aċċessibbli għal kulħadd, permezz ta' kull mezz possibbli ta' komunikazzjoni;
11. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tagħhom tippermetti liż-żgħażaġh kollha fil-grupp ta' età identifikat jirreġistraw u jieħdu sehem b'mod effikaċi fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġh¹;
12. Ifakkar fl-importanza li tittejjeb il-kwalità tal-offerti; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwalità f'termini ta' mentoraġġ u ta' kkworċjar, il-kwalità u l-adeqwatezza tat-taħriġ, tat-traineeship jew tal-impjieg individwali attwali, kif ukoll il-kwalità tal-eżitu skont l-oġettivi stabbiliti; jissottolinja f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-oqfsa ta' kwalità diġà eżistenti, bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalità, skont l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ; huwa tal-fehma li jenħtieġ li ż-żgħażaġh ikunu involuti wkoll fil-monitoraġġ tal-kwalità tal-offerti; ifakkar fil-ħtieġa l-limitu tal-età eleġibbli jiġi estiż minn 25 sena għal 29 sena sabiex jirrifletti r-realtà li bosta gradwati u persuni deħlin għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol għandhom ftit anqas minn tletin sena;
13. Jisħaq fuq il-punt li huwa essenzjali li jiġu introdotti mekkaniżmi aħjar biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh jirċievu offerti b'livell għoli ta' kwalità; jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' regolarizzazzjoni tal-offerti ta' traineeships fis-suq miftuħ f'dak li jikkonċerna t-trasparenza tar-reklutaġġ, tad-durata u tar-rikonoxximent u jindika li ftit biss huma l-Istati Membri li stabbilew kriterji minimi tal-kwalità, inkluż għall-fini ta' monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ;

¹ Il-qafas leġiżlattiv ta' ċerti pajjiżi jqis li xi żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'diżabilitajiet severi, "mhumiex kapaċi jaħdmu". Dawn ma jistgħux jirreġistraw mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u, għaldaqstant, ma jistgħux jieħdu sehem fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ.

14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ tiġi estiża wara l-2020 u li jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament adegwat u sostnut għall-QFP li jmiss, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet reali u r-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva, bil-ħsieb li jinkisbu riżultati sostenibbli.
15. Jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġi ggarantit ukoll finanzjament adegwat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-qafas tal-QFP li jmiss.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	22.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, Momchil Nekov, John Procter, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Lybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ian Hudghton, Monika Smolková

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

26	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat, Yana Toom
ECR	Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, John Procter
ENF	Dominique Bilde
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Michaela Šojdrová, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Krystyna Lybacka, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Monika Smolková, Julie Ward
Verts/ALE	Jill Evans, Ian Hudghton

-	-
----------	----------

1	0
EFDD	Isabella Adinolfi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni